**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 25**
**It-Tlieta, 5 ta' Lulju, 2022 fl-4:00 p.m.**

**ENVIRONMENTAL HEALTH PRACTITIONERS - FTEHIM KOLLETTIV**

**426. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għall-aħħar ftehim kollettiv li ġie ffirmat reċentement, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'inhi r-raġuni u fuq liema bażi legali li parti mill-Environmental Health Practitioners li jaħdmu fi ħdan id-Direttorat tas-Saħħa Ambjentali ġew promossi għal Skala 6, waqt li parti oħra mill-Environmental Health Practitioners baqgħu fl-istess skala li kienu fiha qabel l-2013, jiġifieri Skala 7 u dan meta fl-2013 dawn kollha kienu fl-istess grad, bl-istess titlu, kif ukoll kienu jagħmlu l-istess tip ta' xogħol?

17/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-ftehim qed jiġi implimentat kif miftiehem mal-union li tirrappreżenta din il-kategorija ta' impjegati u wara li ġie stabbilit li kellhom livell differenti ta' responsibbiltajiet.

Seduta 25
05/07/2022

**OHSA - WORKING COMPLEMENT**

**427. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid l-working complement għall-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (OHSA) u ċjoè x'inhu l-ammont ta' ħaddiema li jagħmlu spezzjonijiet bejn l-2013 u sad-data li titwieġeb din il-mistoqsija parlamentari?

17/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 25
05/07/2022

**OHSA - SPEZZJONIJIET**

**428. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru spezzjonijiet mill-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (OHSA) u kemm spezzjonijiet irriżultaw fi proċeduri li rriżultaw li r-regolamenti ma ġewx osservati bejn l-2017 u l-2021?

17/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 25
05/07/2022

**PENALI FUQ KSUR TA' REGOLAMENTI TA' SAĦĦA U SIGURTÀ**

**429. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jagħti l-lista tal-penali u r-regolamenti miksura għal dawk li ma osservawx ir-regolamenti tas-saħħa u s-sigurtà fil-perjodu bejn l-2017 sal-2021?

17/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 25
05/07/2022

**IMWIET FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL**

**430. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jagħti l-lista tal-imwiet fuq il-post tax-xogħol u s-settur fejn dawn ġew ikkawżati,kif ukoll il-korrimenti fuq il-post tax-xogħol u s-settur fejn dawn ġew ikkawżati fil-perjodu bejn l-2017 u d-data li fiha titwieġeb din il-mistoqsija parlamentari?

17/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 25
05/07/2022

**PJAZZA TAL-MELLIEĦA - PROĠETT TA' TISBIĦ - AĊĊESSIBILITÀ GĦALL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ**

**431. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-proġett ta' tisbiħ tal-Pjazza tal-Mellieħa hux se jkollu aċċessibiltà għall-persuni b'diżabilità, partikolarment dawk f'siġġu tar-roti għall-partijiet kollha tal-Pjazza?
Jista' l-Ministru jgħidilna jekk hux ser tiġi istallata pjattaforma tas-siġġu tar-roti?

17/05/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-periti qed jieħdu ħsieb li l-partijiet kollha tal-pjazza jkunu aċċessibbli għal użu tas-siġġu tar-roti.

Seduta 25
05/07/2022

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - PERSUNI LI JAĦDMU BIR-REMOTE WORKING**

**936. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni jaħdmu permezz ta' *remote working* (*teleworking*), mal-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

25/05/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm differenza bejn remote working u teleworking. Minkejja dan, ninsab infurmat li, sal-aħħar ta' Mejju kien hemm erba' mija tlieta u tletin (433) ħaddiem fuq telework u tletin (30) ħaddiem fuq remote working fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti taħtu.

Seduta 25
05/07/2022

**MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR - PERSUNI LI JAĦDMU BIR-REMOTE WORKING**

**937. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni jaħdmu permezz ta' *remote working* (*teleworking*), mal-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

25/05/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** L-Onor. Interpellant għandu jkun jaf li hemm differenza bejn remote working u teleworking. Minkejja dan, ninsab infurmat li sal-aħħar ta' Mejju kien hemm 305 ħaddiema fuq telework u 25 fuq remote working fil-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti taħtu.

Seduta 25
05/07/2022

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA - PERSUNI LI JAĦDMU BIR-REMOTE WORKING**

**938. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni jaħdmu permezz ta' *remote working* (*teleworking*), mal-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

25/05/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** L-Onor. Interpellant għandu jkun jaf li hemm differenza bejn remote working u teleworking. Minkejja dan, ninsab infurmat li sal-aħħar ta' Mejju kien hemm 68 ħaddiem fuq telework u 20 fuq remote working fil-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti taħtu.

Seduta 25
05/07/2022

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA - PERSUNI LI JAĦDMU BIR-REMOTE WORKING**

**939. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni jaħdmu permezz ta' *remote working* (*teleworking*), mal-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

25/05/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** L-Onor. Interpellant għandu jkun jaf li hemm differenza bejn remote working u teleworking. Minkejja dan, ninsab infurmat li sal-aħħar ta' Mejju kien hemm 96 ħaddiem fuq telework u 137 fuq remote working fil-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti taħtu.

Seduta 25
05/07/2022

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR - PERSUNI LI JAĦDMU BIR-REMOTE WORKING**

**940. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm persuni jaħdmu permezz ta' *remote working* (*teleworking*), mal-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha?

25/05/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** L-Onor. Interpellant għandu jkun jaf li hemm differenza bejn remote working u teleworking. Minkejja dan, ninsab infurmat li sal-aħħar ta' Mejju kien hemm 133 ħaddiem fuq telework u 1 fuq remote working fil-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti taħtu.

Seduta 25
05/07/2022

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA - PERSUNI LI JAĦDMU BIR-REMOTE WORKING**

**941. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm persuni jaħdmu permezz ta' *remote working* (*teleworking*), mal-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha?

25/05/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Niċċara li hemm differenza bejn remote working u teleworking. Minkejja dan, ninsab infurmata li sal-aħħar ta' Mejju kien hemm 527 ħaddiem fuq telework u 65 fuq remote working fil-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti taħtu.

Seduta 25
05/07/2022

**STRATEĠIJA GĦAL BIEDJA ORGANIKA – ART AGRIKOLA GĦAL PRODUZZJONI ORGANIKA**

**1227. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għal parti mid-diskors tal-Onor. Ministru Anton Refalo fid-dibattitu tal-Estimi Ġenerali 2021, partikolarment meta għamel referenza għat-Tfassil ta' Strateġija għal Biedja Organika u speċifikament qal "… inżidu l-art u l-inċentivi għal art bi prodotti organiċi …", jista' l-Ministru jgħid kemm kienet (tomniet) l-art agrikola għall-produzzjoni organika sena b'sena mill-2015 sad-data tar-risposta għal din il-mistoqsija parlamentari? Kemm kienu l-produtturi reġistrati f'dan is-settur partikolari (prodotti organiċi) fl-istess snin imsemmijja? Jekk hemm, kemm hemm applikazzjonijiet pendenti minn produtturi organiċi biex jiġu reġistrati f'dan is-settur? X'inċentivi jeżistu għall-produtturi organiċi biex jidħlu f'dan is-settur?

01/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għaż-żewġ listi hekk kif ġej:

- Lista A: Il-figuri li jirrappreżentaw (tomniet) ta' art agrikola għall-produzzjoni organika sena b'sena mill-2015 sad-data tar-risposta għal din il-mistoqsija parlamentari

- Lista B: In-numru ta' produtturi rreġistrati f'dan is-settur partikolari (prodotti organiċi) fl-istess snin imsemmijja

Rigward applikazzjonijiet pendenti minn produtturi organiċi biex jiġu rreġistrati f'dan is-settur, bħalissa ma hemm l-ebda minn dawn.

Bħala inċentivi li jeżistu għall-produtturi organiċi biex jidħlu f'dan is-settur, dawn jikkonsistu f'dawk ta' għajnuna finanzjarja taħt il-programm ta' żvilupp rurali fejn hemm rati fissi għal kull ettaru ta' raba' li huwa taħt il-proċess ta' konverżjoni, u dawk li huma ċċertifikati bħala organiċi. Għal informazzjoni addizzjonali dwar dawn l-iskemi, nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jindirizza l-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

**Lista A:** Il-figuri li jirrappreżentaw (tomniet) ta' art agrikola għall-produzzjoni organika sena b'sena mill-2015 sad-data tar-risposta għal din il-mistoqsija parlamentari

- 2015: 2.846 (f'konverżjoni) + 26.7796 (konverżjoni totali) = 29.6301 ettari (30 ettari)
- 2016: 3.3458 (f'konverżjoni) + 21.0249 (konverżjoni totali) = 24.2725 ettari (24 ettari)
- 2017: 3.6742(f'konverżjoni) + 37.367 (konverżjoni totali) = 41.0412 ettari (41 ettari)
- 2018: 10.3044(f'konverżjoni) + 36.8994 (konverżjoni totali) = 47.2038 ettari (47 ettari)
- 2019: 14.50 (f'konverżjoni) + 40.04 (konverżjoni totali) = 54.55 ettari (55 ettari)
- 2020: 25.87 (f'konverżjoni) + 40.84 (konverżjoni totali) = 66.71 ettari (67 ettari)
- 2021: il-figura eżatta għadha qed tiġi maħduma skont ir-rappurtaġġ meħtieġ taħt ir-regolamenti rispettivi tal-produzzjoni u l-ittikkjar tal-produzzjoni organika.

**Lista B:** In-numru ta' produtturi rreġistrati f'dan is-settur partikolari (prodotti organiċi) fl-istess snin imsemmijja

· 2015: 11-il produttur
· 2016: 14-il produttur
· 2017: 13-il produttur
· 2018: 19-il produttur
· 2019: 24 produttur
· 2020: 25 produttur
· 2021: 25 produttur (din il-figura għadha qed tiġi ffinalizzata skont l-obbligi ta' rappurtaġġ taħt ir-regolamenti rispettivi).

Seduta 25
05/07/2022

**FONDI TAL-UNJONI EWROPEA – ŻVILUPP AGRIKOLU**

**1228. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għal parti mid-diskors tal-Onor. Ministru Anton Refalo fid-dibattitu tal-Estimi Ġenerali 2021, partikolarment meta għamel referenza għall-pagamenti mill-fondi tal-Unjoni Ewropeja għal żvilupp agrikolu, jista' l-Ministru jagħti elenku tal-proġetti li rċevew fondi kemm diretti permezz tal-European Agricultural Guarantee Fund (EAGF) kif ukoll dawk taħt l-European Agricultural Guidance and Guarantee Fund (EAGGF) għas-snin tal-Programm (2014-2020), sena b'sena sad-data tar-risposta ta' din il-mistoqsija parlamentari?

01/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi filwaqt li l-European Agricultural Guidance and Guarantee Fund (EAGGF) m'għadux jitħaddem u floku daħal il-fond European Agricultural Guarantee Fund (EAGF), taħt dan tal-aħħar ma ġewx iffinanzjati proġetti imma pagamenti diretti. Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-pagamenti diretti ffinanzjati taħt dan il-fond sena b'sena.

Seduta 25
05/07/2022

**PAGAMENTI MINĦABBA L-COVID-19**

**1229. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għal parti mid-diskors tal-Onor. Ministru Anton Refalo fid-dibattitu tal-Estimi Ġenerali 2021, partikolarment meta għamel referenza għal pagamenti minħabba l-COVID-19, jista' l-Ministru jgħid kif ġew imqassma dawn il-fondi u xi kriterji intużaw għas-snin 2020 u 2021 u kif ser taħdem l-iskema għas-sena 2022?

01/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura nieda żewġ Skemi ta' kumpens tal-COVID 19, waħda fl-2020 u l-oħra fl-2021. It-tqassim tal-fondi u l-kriterji li ntużaw sar kif jidher hawn taħt:

<u>Skema ta' Kumpens tal-COVID-19 għas-sajjieda tat-Tonn li ġiet imnedija f'Awwissu 2020 (Referenza: SA.57984):</u>

L-għan ta' din l-iskema kien li jiġi provdut sapport finanzjarju ekkwivalenti għal €2 għal kull Kg ta' Tonn allokat fil-kwota tas-sena 2020, u b'hekk tikkompensa parti mit-telf tal-valur tat-Tonn sofrut minħabba l-pandemija COVID-19. Din l-iskema giet implimentata b'konformita mar-regoli tal-Qafas Temporanju għal miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex jingħata sostenn lill-ekonomija matul it-tifqigħa preżenti tal-COVID-19 (2020/C 91 I/01).

1. L-ammont ta' Fondi li ntefqu għal din l-iskema: €704,361.00.
2. Ammont ta' sajjieda li bbenefikaw minn din l-inizjattiva: 145.
3. Eliġibiltà: Sajjieda bil-bastimenti MFA u MFB li kellhom liċenzja u kwota allokata biex jistadu għat-Tonn fis-sena 2020.
4. Din l-iskema hija magħluqa u mhux ser jiġu pproċessati iktar pagamenti.

Skema ta' għajnuna finanzjarja biex toffri assistenza lis-sajjieda minħabba l-impatt negattiv li l-pandemija tal-COVID-19 kellha fuq il-ħidma u l-impenn tagħhom imnedija f'Novembru 2021 (Referenza: SA.100440):

L-għan ta' din l-iskema kien li tipprovdi appoġġ finanzjarju lis-sidien ta' bastimenti tas-sajd li huma rreġistrati mad-Dipartment tas-Sajd u l-Akkwakultura, bħala MFA u MFB, sabiex jingħata kumpens għal ftit mit-tnaqqis fil-valur monetarju u d-domanda għall-ħut lokali u prodotti tas-sajd minħabba il-pandemija tal-COVID-19. Din l-iskema ta' għajnuna ġiet implimentata f'konformità mal-Qafas Temporanju għal Miżuri ta' Għajnuna mill-Istat biex tappoġġja l-ekonomija minħabba il-pandemija.

F'Jannar 2022, id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura estenda l-iskema għal dawk is-sidien ta' bastimenti li ma kinux applikaw għall-ewwel sejħa ta' applikazzjoniet li kienet maħruġa fl-2021.

1. L-ammont totali ta' Fondi li ntefqu għal din l-iskema: €703,300.00 (€687,800.00 fl-2021 u €15,500.00 fl-2022).
2. Ammont ta' sajjieda li bbenefikaw minn din l-inizjattiva: 554.

Il-kriterji tal-għajnuna li ġiet mogħtija kienu skont il-formula li qed tiġi spjegata hawn taħt:

Għajnuna Applikabbli = [Ammont ta' ħut li nqabad fl-2020 f'termini ta' KG x 0.98] – Għajnuna finanzjarja li ġiet mogħtija fl-2020 bħala parti mill-iskema ta' kumpens tal-COVID-19 għas-sajjieda tat-Tonn.
Kundizzjonijiet li ġew imposti:

· MFA: L-għajnuna minima applikabbli hija dik ta' €700 jekk ir-riżultat tal-formula jiġi inqas;
· MFB: L-għajnuna minima applikabbli hija dik ta' €350 jekk ir-riżultat tal-formula jiġi inqas;
· Il-valur massimu tal-għajnuna eliġibbli huwa sa massimu ta' €5,000 jekk ir-riżultat tal-formula huwa aktar (Applikabbli għall-MFA u MFB biss);
· Iċ-ċifra ta' għajnuna applikabbli ġiet arrotondata għal €50.

Il-premium li ġie kkalkulat huwa bbażat fuq diversi fatturi, inkluż telf fuq id-dħul, għajnuna preċedenti li kienet ingħatat (i.e. Skema ta' Kumpens tal-COVID-19 għas-sajjieda tat-Tonn), u l-kategorizzazzjoni tal-liċenzja tal-bastiment (MFA & MFB). Dan l-ammont ġie kkalkulat abbażi tad-dokumentazzjoni li d-Dipartiment għandu għas-sena 2020. F'każi fejn is-sid/sidien tal-bastiment/i inbidel f'din is-sena msemmija, l-eliġibiltà ġiet ikkunsidrata skont iż-żmien massimu li s-sajjied/a se jkun għamel. Barra minn hekk, is-somma ukoll ser tingħata fuq kif il-bastiment li kien irreġistrat fis-sena 2020.

Din l-iskema hija magħluqa u mhux ser jiġu pproċessati aktar pagamenti.

Seduta 25
05/07/2022

**SKEMA TA' SUSSIDJU FUQ MAJJAL U TIĠIEĠ GĦALL-QATLA - PAGAMENTI**

**1230. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għal parti mid-diskors tal-Onor. Ministru Anton Refalo fid-dibattitu tal-Estimi Ġenerali 2021, partikolarment meta għamel referenza għal pagamenti taħt skema mnedija f'Mejju 2021 li tagħti sussidju fuq majjal u tiġieġ għall-qatla, jista' l-Ministru jgħid xi kriterji ntużaw u kif ġew imqassma dawn il-pagamenti minn Mejju 2021 sad-data tar-risposta?

01/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 25
05/07/2022

**SKEMA TA' CARBON FARMING - PAGAMENTI**

**1231. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għal parti mid-diskors tal-Onor. Ministru Anton Refalo fid-dibattitu tal-Estimi Ġenerali 2021, partikolarment meta għamel referenza għal pagamenti taħt skema tal-Carbon Farming, jista' l-Ministru jgħid meta ġiet imnedija din l-iskema, xi kriterji intużaw u kif ġew imqassma dawn il-pagamenti minn meta tnediet l-iskema sad-data tar-risposta?

01/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 25
05/07/2022

**SKEMA TAR-RESTAWR TA' DGĦAJJES - PAGAMENTI**

**1232. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għal parti mid-diskors tal-Onor. Ministru Anton Refalo fid-dibattitu tal-Estimi Ġenerali 2021, partikolarment meta għamel referenza għal pagamenti taħt skema tar-restawr ta' dgħajjes, jista' l-Ministru jgħid meta ġiet imnedija din l-iskema, xi kriterji ntużaw u kif ġew imqassma dawn il-pagamenti minn meta tnediet l-iskema sad-data tar-risposta għal din il-mistoqsija parlamentari?

01/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-iskema tar-restawr tad-dgħajjes ġiet imnedija għal erba' snin konsekuttivi bejn l-2019 u l-2022. Il-kriterji li ntużaw biex is-sajjieda jibbenefikaw minn din l-iskema baqgħu l-istess tul l-erba' snin konsekuttivi. Il-kriterji li ntużaw kienu dawn:

- Id-dgħajjes eliġibbli huma dawk li għandhom liċenzja MFA (full time) jew MFB (part time).
- Id-dgħajjes li huma magħmula mill-injam u li ġew kostruwiti f'Malta qabel l-2007.
- Erba' tipi ta' bastimenti kienu eliġibbli taħt din l-iskema. Dawn huma: firilla, frejgatina, kajjik u luzzu.
- L-infiq eliġibbli għal din l-iskema kien relatat ma' spejjeż ta' materjal bħal: żebgħa, antifouling, injam, plywood, kolla, epoxy, boltijiet, viti u affarijiet oħra li għandhom x'jaqsmu mar-restawr tad-dgħajsa.
- L-iskema pprovdiet għajnuna sa massimu ta' €1,300 inkluż VAT għaldgħajjes taħt is-sitt metri u massimu ta' €2,700 inkluż VAT għaldgħajjes minn sitt metri 'l fuq.
- L-applikanti riedu jissottomettu rċevuti fiskali bid-dettalji ta' xi ntefaq biex ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-appoġġ tal-iskema.

Il-pagamenti ġew imqassma kif ġej:

2019 - Total ta' 85 sajjied ibbenefikaw minn din l-iskema u ntefqu total ta' €118,687.63. Taħt din l-iskema l-pagamenti tqassmu f'żewġ perjodi. L-ewwel pagament sar f'Lulju 2019 għall-irċevuti li ġew sottomessi f'Mejju 2019, filwaqt li kien hemm pagament ieħor f'Jannar 2020 għall-irċevuti li ġew sottomessi f'Novembru 2019.

2020 - L-iskema ġiet imnedija f'Marzu 2020. 80 sajjied ibbenefikaw minn din l-iskema u ntefqu total ta' €102,895.61. Il-pagamenti kollha tqassmu fi Frar 2021 għall-irċevuti li ġew sottomessi f'Novembru ta' l-istess sena.

2021 - L-iskema ġiet imnedija f'April 2021. 113-il sajjied ibbenefikaw minn din l-iskema u ntefqu total ta' €162,078.31. Il-pagamenti kollha tqassmu fi Frar 2022 għall-irċevuti li ġew sottomessi f'Novembru 2021.

2022 - Din is-sena l-iskema ġiet imnedija f'Marzu 2022. Total ta' 104 sajjieda applikaw biex jibbenefikaw mill-iskema. L-irċevuti ser jintlaqgħu mid-Diaprtiment tas-Sajd u l-Akkwakultura fix-xahar ta' Novembru 2022 bil-pagamenti eliġibbli jiġu pproċessati fl-ewwel kwart tal-2023.

Seduta 25
05/07/2022

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI – SEGRETARJU PERMANENTI – PAKKETT FINANZJARJU U KWALIFIKI AKKADEMIĊI**

**1728. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid x'pakkett finanzjarju għandu s-Segretarju Permanenti tiegħu? Il-pakkett finanzjarju jinkludi allowances u perkaċċi oħra? Jista' jgħid ukoll xi kwalifiki akkademiċi għandu s-Segretarju Permanenti?

20/06/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni hi diġà pubblika. Din tinstab fl-Estimi Finanzjarji tal-2022, li tpoġġew diġà fuq il-Mejda tal-Kamra fl-aħħar leġiżlatura, u fuq is-sit uffiċjali tas-Servizz Pubbliku. Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-bijografija tas-Segretarju Permamenti fi ħdan il-Ministeru.

Seduta 25
05/07/2022

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET – SEGRETARJU PERMANENTI – PAKKETT FINANZJARJU U KWALIFIKI AKKADEMIĊI**

**1729. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid x'pakkett finanzjarju għandu s-Segretarju Permanenti tiegħu? Il-pakkett finanzjarju jinkludi allowances u perkaċċi oħra? Jista' jgħid ukoll xi kwalifiki akkademiċi għandu s-Segretarju Permanenti?

20/06/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli interpellant li l-informazzjoni hi diġà pubblika. Din tinstab fl-Estimi Finanzjarji tal-2022, li tpoġġew diġà fuq il-Mejda tal-Kamra fl-aħħar leġiżlatura, u fuq is-sit uffiċjali tas-Servizz Pubbliku. Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-biografija tas-Segretarju Permamenti fi ħdan il-Ministeru.

Seduta 25
05/07/2022

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR – SEGRETARJU PERMANENTI – PAKKETT FINANZJARJU U KWALIFIKI AKKADEMIĊI**

**1730. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid x'pakkett finanzjarju għandu s-Segretarju Permanenti tagħha? Il-pakkett finanzjarju jinkludi allowances u perkaċċi oħra? Tista' tgħid ukoll xi kwalifiki akkademiċi għandu s-Segretarju Permanenti?

20/06/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni hi diġà pubblika. Din tinstab fl-Estimi Finanzjarji tal-2022, li tpoġġew diġà fuq il-Mejda tal-Kamra fl-aħħar leġiżlatura, u fuq is-sit uffiċjali tas-Servizz Pubbliku. Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-bijografija tas-Segretarju Permamenti fi ħdan il-Ministeru.

Seduta 25
05/07/2022

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI – SEGRETARJU PERMANENTI – PAKKETT FINANZJARJU U KWALIFIKI AKKADEMIĊI**

**1731. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid x'pakkett finanzjarju għandu s-Segretarju Permanenti tiegħu? Il-pakkett finanzjarju jinkludi allowances u perkaċċi oħra? Jista' jgħid ukoll xi kwalifiki akkademiċi għandu s-Segretarju Permanenti?

20/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni hi diġà pubblika. Din tinstab fl-Estimi Finanzjarji tal-2022, li tpoġġew diġà fuq il-Mejda tal-Kamra fl-aħħar leġiżlatura, u fuq is-sit uffiċjali tas-Servizz Pubbliku. Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-bijografija tas-Segretarju Permamenti fi ħdan il-Ministeru.

Seduta 25
05/07/2022

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – SEGRETARJU PERMANENTI – PAKKETT FINANZJARJU U KWALIFIKI AKKADEMIĊI**

**1732. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid x'pakkett finanzjarju għandu s-Segretarju Permanenti tiegħu? Il-pakkett finanzjarju jinkludi allowances u perkaċċi oħra? Jista' jgħid ukoll xi kwalifiki akkademiċi għandu s-Segretarju Permanenti?

20/06/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni hi diġà pubblika. Din tinstab fl-Estimi Finanzjarji tal-2022, li tpoġġew diġà fuq il-Mejda tal-Kamra fl-aħħar leġiżlatura, u fuq is-sit uffiċjali tas-Servizz Pubbliku. Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-bijografija tas-Segretarju Permamenti fi ħdan il-Ministeru.

Seduta 25
05/07/2022

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA – SEGRETARJU PERMANENTI – PAKKETT FINANZJARJU U KWALIFIKI AKKADEMIĊI**

**1733. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid x'pakkett finanzjarju għandu s-Segretarju Permanenti tiegħu? Il-pakkett finanzjarju jinkludi allowances u perkaċċi oħra? Jista' jgħid ukoll xi kwalifiki akkademiċi għandu s-Segretarju Permanenti?

20/06/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni hi diġà pubblika. Din tinstab fl-Estimi Finanzjarji tal-2022, li tpoġġew diġà fuq il-Mejda tal-Kamra fl-aħħar leġiżlatura, u fuq is-sit uffiċjali tas-Servizz Pubbliku. Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-bijografija tas-Segretarju Permamenti fi ħdan il-Ministeru.

Seduta 25
05/07/2022

**BAJJIET TA' KEMMUNA – KIRI TA' DECKCHAIRS U UMBRELEL**

**1916. L-ONOR. REBEKAH CILIA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi biex jinkrew deckchairs u umbrelel fil-bajjiet ta' Kemmuna? Jista' l-Ministru jpoġġi kopja tal-beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi fuq il-Mejda tal-Kamra?

22/06/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 25
05/07/2022

**BAJJIET TA' KEMMUNA – KIRI TA' DECKCHAIRS U UMBRELEL**

**1917. L-ONOR. REBEKAH CILIA** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi biex jinkrew deckchairs u umbrelel fil-bajjiet ta' Kemmuna? Jista' l-Ministru jpoġġi kopja tal-beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi fuq il-Mejda tal-Kamra?

22/06/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 25
05/07/2022

**FGURA: TRIQ IL-KAMPANELLA – ŻBROFF TA' DRENAĠĠ**

**1935. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 1198, tista' l-Ministru tinforma lill-Kamra liema huma l-entitajiet li qed isiru t-taħdidiet magħhom u jekk il-pjan ta' tħejjija ġiex finalizzat sabiex ix-xogħol neċessarju jsir tul is-sajf li ġej?

22/06/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma qed tiddiskuti proġetti fl-area indikata ma' Infrastructure Malta prinċipalment. F'dan l-istadju l-Korporazzjoni qiegħda f'diskussjoni biex tiffinalizza skeda ta' interventi ppjanati li jidħlu fil-proġett ippjanat ta' Infrastructure Malta.

Seduta 25
05/07/2022

**FGURA - TRIQ IL-KAMPANELLA – ŻBROFF TA' DRENAĠĠ**

**1936. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 1195, jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra liema passi ttieħdu u lil liema entitajiet ġie mgħoddi dan l-ilment u dan bit-tama li x-xogħol neċessarju jsir tul is-sajf li ġej?

22/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija numru 1195.

Seduta 25
05/07/2022

**MARSASKALA - TINDIF TAT-TOROQ**

**1937. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid x'tip ta' tindif qed isir, inkluż knis u ħasil ta' bankini u toroq fil-lokalità ta' Marsaskala, u kull meta jsir dan ix-xogħol? Jista' wkoll iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-programm u skeda ta' dawn ix-xogħlijiet?

22/06/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ħasil tal-promenade ta' Marsaskala jinqasam f'żewġ partijiet - kull nhar ta' Ħamis u kull nhar ta' Ġimgħa filgħodu kmieni. Din l-iskeda tibqa' għaddejja sal-aħħar ta' Settembru (kull ġimgħa kif spjegat).

Seduta 25
05/07/2022

**MARSASKALA – ĦADDIEMA TA' L-ISKEMA TAL-KOMUNITÀ**

**1938. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għar-risposta ta' mistoqsija parlamentari 1172, jista' l-Kunsill Lokali jindika x'tip ta' xogħol qed iwettqu s-16-il ħaddiem li huma allokati f'Marsaskala?

22/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:**
Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Marsaskala illi x-xogħlijiet huma varji u jinkludu fost oħrajn:- tindif u manutenzjoni ta' latrini, tindif ta' ġonna, manutenzjoni ta' toroq u bankini, manutenzjoni tal-ħadid u railings u bankijiet tal-promenade.

Seduta 25
05/07/2022

**MARSASKALA - POPOLAZZJONI**

**1939. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jindika l-aħħar statistika li għandu dwar in-numru ta' residenti li jgħixu fil-lokalità ta' Marsaskala u l-etajiet tagħhom?

22/06/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-aħħar estimi tal-popolazzjoni ta' Marsaskala, li l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika għandu, hi dik sal-31 ta' Diċembru 2020. Il-popolazzjoni ta' Marsaskala hija stmata għal 15,579, li minnhom 7,239 nisa u 8,340 irġiel.

Seduta 25
05/07/2022

**FORMOLARJU TAL-MEDIĊINI GĦAS-SAĦĦA MENTALI B'XEJN**

**1940. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jindika meta s-Sertraline u Xanax se jiddaħħlu fil-Formolarju tal-mediċini li jingħataw b'xejn , liema mediċini jintużaw ta' kuljum minn ħafna pazjenti b'nuqqas ta' saħħa mentali?

22/06/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Gvern għandu pjan miftiehem mal-professjonisti speċjalisti fil-psikjatrija biex il-Mediċini li jintużaw fis-saħħa mentali jiddaħħlu fuq il-formularju fis-snin li ġejjin skont il-prijorità klinika deċiża mill-istess speċjalisti.

Seduta 25
05/07/2022

**DJAR RESIDENZJALI TAL-GVERN - LIBRERIJA**

**1992. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid f'liema djar residenzjali tal-Gvern hemm ukoll librerija ta' kotba? Jista' jgħid jekk hemmx pjan li jiżdiedu dawn il-libreriji?

23/06/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fid-djar residenzjali tal-Gvern kollha hemm librerija ta' kotba.

Seduta 25
05/07/2022

**DJAR RESIDENZJALI TAL-GVERN – SEZZJONIJIET TA' QARI TA' KOTBA**

**1993. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru sezzjonijiet ta' qari ta' kotba fid-djar residenzjali tal-Gvern matul is-snin 2020, 2021 u fis-sena 2022 sal-lum? Jista' jgħid f'liema djar tal-anzjani saru? Jista' jgħid ukoll x'inhuma l-pjanijiet tal-Gvern biex ikollu aktar sezzjonijiet ta' qari ta' kotba fid-djar residenzjali tiegħu?

23/06/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li sessjonijiet ta' qari ta' kotba fid-djar residenzjali tal-Gvern kienu hekk:

| | |
|---|---|
| Sena 2020 | 70 sessjoni |
| Sena 2021 | 151 sessjoni |
| Sena 2022 sal-lum | 149 sessjoni |

Dawn is-sessjonijiet ta' qari saru ġewwa d-Djar Residenzjali tal-Mosta, tal-Imtarfa, tal-Mellieħa, taż-Żejtun, ta' Bormla u Żammit Clapp. Qegħdin f'kuntatt ma' Malta Libraries sabiex isiru wkoll sessjonijiet ta' qari ġewwa d-Dar Residenzjali tal-Furjana u jekk hu possibbli jiżdiedu s-sessjonijiet fid-djar kollha għalkemm il-figuri juru li kull sena s-sessjonijiet qegħdin jiżdiedu.

Seduta 25
05/07/2022

**RESIDENZA SAN VINĊENZ DE PAULE – SEZZJONIJIET TA' QARI TA' KOTBA**

**1994. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk sezzjonijiet ta' qari ta' kotba jiġux organizzati għar-residenti fir-Residenza San Vinċenz de Paule? Jista' jgħid kemm-il darba jsiru u x'inhuma l-pjanijiet tiegħu biex aktar residenti jkollhom l-opportunità jattendu għal dawn is-sezzjonijiet?

23/06/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li s-sezzjoni tal-Active Ageing Unit għandha r-responsabbilità li torganizza attivitajiet soċjali, kulturali, fiżiċi u reliġjużi għar-residenti ta' SVP. Hemm programm fejn kull sala jkollha attività kuljum. Il-qari huwa wieħed minn dawn l-attivitajiet.

Seduta 25
05/07/2022

**RESIDENZA SAN VINĊENZ DE PAULE – SERVIZZ B'XEJN TA' TELEVIŻJONI GĦAR-RESIDENTI**

**2008. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk ir-residenti fir-Residenza San Vinċenz de Paule humiex intitolati għas-servizz b'xejn ta' televiżjoni? Jekk le, jista' jgħid x'inhuma r-rati li qed iħallsu l-anzjani sabiex ikun jista' jkollhom aċċess għas-servizz ta' televiżjoni fil-kmamar li qegħdin jirrisjedu?

24/06/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li s-swali kollha joffru s-servizz tat-televiżjoni b'xejn fil-common areata' kull sala. Servizz ta' televiżjoni ħdejn is-sodda huwa suġġett ta' ftehim bejn ir-resident u l-kumpanija li tipprovdi s-servizz ġewwa SVP.

Seduta 25
05/07/2022

**RESIDENZA SAN VINĊENZ DE PAULE – KUNTRATTUR INKARIGAT MIT-TINDIF**

**2009. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-penali kollha li jimponu fuq il-kuntrattur ta' tindif, li l-isem tal-kumpanija tiegħu qed jintbagħat separatament, fir-Residenza San Vinċenz de Paule f'każ illi l-kuntrattur jonqos mill-obbligi tiegħu kuntrattwali? Jista' jgħid f'liema każijiet il-kuntrattur qiegħed jimponi dawn il-penali fuq l-impjegati tiegħu u jekk humiex qegħdin jitnaqqsu direttament mis-salarji ta' dawn l-impjegati?

24/06/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-penali li jistgħu jiġu imponuti f'każ illi l-kuntrattur jonqos mill-obbligi tiegħu kuntrattwali huma skont it-tender CT 2374/2018 Artiklu 19 li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra. Is-servizz li jingħata minn din il-kumpanija hija ta' livell għoli u qatt ma ngħataw penali. San Vinċenz għandu kuntratt ma' min jipprovdi s -servizz iżda ma jidħolx fuq is-salarji tax-xogħol tal-ħaddiema tiegħu.

Seduta 25
05/07/2022

**RESIDENZA SAN VINĊENZ DE PAULE – KUNTRATTUR INKARIGAT MIT-TINDIF**

**2010. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-kuntrattur, li l-isem tal-kumpanija tiegħu qed jintbagħat separatament, reċentement żammx laqgħa fir-Residenza San Vinċenz de Paule għall-impjegati tiegħu sabiex jgħarrafhom dwar it-tnaqqis li se jkun qed isir direttament mis-salarji tagħhom għall-penali li jistgħu jiġu imposti fuqhom? Jista' jagħti aktar dettalji dwar din il-laqgħa u jekk l-impjegati tal-kuntrattur għandhomx ukoll l-istess proċedura ta' dixxiplina li teżisti għall-impjegati li jaħdmu mal-Gvern?

24/06/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li San Vinċenz joffri l-faċilità biex kuntrattur ikun jista jiltaqa' mal-ħaddiema tiegħu. San Vinċenz għandu kuntratt ma' min jipprovdi s-servizz iżda ma jidħolx fuq il-ftehim u l-kundizzjonjiet tax-xogħol tal-ħaddiema tiegħu.

Seduta 25
05/07/2022

**SERVIZZ ĊIVILI – IMPJEGATI FIL-KARIGA TA' MESSAĠĠIERA**

**2012. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm hu t-total ta' persuni impjegati maċ-Ċivil u ma' awtoritajiet statutorji, inklużi organizzazzjonijiet parastatali, fil-kariga ta' Messaġġiera u kemm minnhom daħlu mal-Gvern f'dawn l-aħħar ħames snin?

24/06/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 25
05/07/2022

**BORDIJIET TAL-GVERN – ĦATRA TA' PERSUNI MEQJUSA BĦALA PERSUNI POLITIKAMENT ESPOSTI**

**2013. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm mill-persuni li ġew maħtura fuq il-bordijiet tal-Gvern huma meqjusa bħala persuni politikament esposti (PEP), u jekk mal-ħatra tagħhom hijiex qed tiġi rikjesta xi tip ta' dikjarazzjoni prova għal dan?

24/06/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għal-lista ppubblikata fuq il-Gazzetta tal-Gvern nru 20,602 tas-6 ta'April 2021 li kopja tagħha qed titpoġġa fuq l-Mejda tal-Kamra.

Seduta 25
05/07/2022

**KUNSILLI LOKALI - SKRIVANI**

**2014. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu t-total ta' skrivani impjegati mal-Kunsilli Lokali kollha u kemm minn dawn għandhom kwalifiċi tal-inqas ta' O Level?

24/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat illi hemm 79 skrivani jaħdmu mal-Kunsilli Lokali u bħala rekwiżit standard sabiex wieħed jitqies eliġibbli għal kariga ta' 'skrivan' ma' Kunsill Lokali hi jkollu minn tal-anqas 5 suġġetti f'Livell Ordinarju, u dan skont ir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363).

Seduta 25
05/07/2022

**ATT DWAR IL-KREMAZZJONI**

**2017. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Filwaqt li nagħmel referenza għall-Kapitolu 599 - l-Att dwar il-Kremazzjoni, liema Att il-Ministru tas-Saħħa mill-2019 sal-lum għadu ma daħħalx fis-seħħ, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk għandux il-ħsieb, u jekk iva meta, li effettivament jibda jiġi provdut s-servizz ta' kremazzjoni f'pajjiżna?

24/06/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-programm Elettorali tal-Gvern jinkludi l-proposta li jinfetaħ Krematorju f'pajjiżna.

Seduta 25
05/07/2022

**ĦAL FAR – ĦSEJJES IĠĠENERATI MIT-TRAKKA TAL-KAROZZI**

**2027. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk intbagħtietx kopja tal-istudji dwar il-ħsejjes li se jkunu qed jiġu ġġenerati mit-trakka tal-karozzi f'Ħal Far lill-Kunsilli Lokali ta' Birżebbuġa, iż-Żurrieq u Ħal Safi? Jista' jgħid id-dati meta saru laqgħat ta' konsultazzjoni ma' dawn il-kunsilli, x'kienu l-punti mqajma, kif dawn il-punti se jiġu indirizzati u jippreżenta dokumentazzjoni li turi dan?

27/06/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-trakka tal-karozzi ġewwa Ħal Far - investiment ta' €20 miljun - se tkun waħda ta' livell internazzjonali mwettqa b'għaqal u b'konsultazzjoni sħiħa u kontinwa mal-istakeholders kollha u li minnha se jgawdi kulħadd.
Il-pjanijiet għal din it-trakka ħadu fit-tul u saru b'ħafna ħsieb u anke konsultazzjoni. Fost oħrajn ridna li filwaqt li nwettqu din il-ħolma tad-dilettanti tal-motorsport f'Malta, il-proġett isir f'art li mhux f'żona ODZ. Din hi xi ħaġa li għamilnieha possibbli billi se naħdmu fuq art madwar il-postijiet fejn diġà ssir attività simili. Pjanti li saru fl-imgħoddi kienu wkoll skartati biex il-proġett jibqa' 'l bogħod mir-residenti kemm jista' jkun.
Fil-fatt il-pjanti u d-disinn ta' dan il-proġett saru minn esperti Ġermaniżi.
Ninfurmah ukoll li saru l-istudji kollha neċessarji dwar il-ħoss sabiex ir-residenti tal-lokalitajiet fil-viċin ma jbatux minn inkonvenjenti u għal dan il-għan ser jiġu introdotti sistemi ta' livell għoli li jagħmlu din it-trakka waħda professjonali.
Sound mitigation measures mhumiex neċessarjament u esklussivament siġar biss, kif ukoll l-istess sound mitigation measures se jkunu qed iħarsu li jnaqqsu l-emissjonijiet diġà eżistenti.

Seduta 25
05/07/2022

**ERA – APPLIKAZZJONI GĦALL-BINI TA' TRAKKA TAL-KAROZZI F'ĦAL FAR**

**2028. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid liema kienu/huma r-raġunijiet imsaħħa b'dokumentazzjoni adegwata, inkluż il-kopja tal-Minuti u abbażi ta' liema studji l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) iddeċidiet li m'hemmx bżonn ta' Environment Impact Assessment fl-applikazzjoni għall-bini ta' trakka tal-karozzi f'Ħal Far?

27/06/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jindirizza l-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 25
05/07/2022

**LAQGĦAT TA' KONSULTAZZJONI DWAR IT-TRAKKA TAL-KAROZZI F'ĦAL FAR**

**2029. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħti d-dati meta saru laqgħat ta' konsultazzjoni ma' għaqdiet ambjentali u/jew NGOs oħrajn, apparti dawk involuti fl-isport ikkonċernat, dwar it-trakka tal-karozzi f'Ħal Far, liema kienu l-għaqdiet li kkonsulta magħhom, x'kienu l-punti mqajma u kif se jiġu indirizzati speċjalment meta wieħed jikkonsidra li s-sit huwa anqas minn kilometru bogħod minn siti ta' importanza ekoloġika?

27/06/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ġentilment nistieden lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba mogħtija għal mistoqsija parlamentari numru 2027.

Seduta 25
05/07/2022

**ĦAL FAR: TRAKKA TAL-KAROZZI – SOUND BARRIERS**

**2030. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jippreżenta pjanta bil-pożizzjonijiet, it-tipi, il-qisien u photomontage li juri l-impatt viżiv tas-sound barriers li se jiġu installati madwar u fit-trakka tal-karozzi f'Ħal Far, jekk se jkun il-każ?

27/06/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ġentilment nistieden lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba mogħtija għal mistoqsija parlamentari numru 2027.

Seduta 25
05/07/2022

**ĦAL FAR: TRAKKA TAL-KAROZZI – TĦAWWIL TA' SIĠAR**

**2031. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jippreżenta pjanta bil-pożizzjonijiet, it-tipi, il-qisien, l-età u photomontage tas-siġar li se jiġu mħawla madwar u fit-trakka tal-karozzi f'Ħal Far biex tiġi mmitigata l-problema tal-istorbju, jekk se jkun il-każ?

27/06/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ġentilment nistieden lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba mogħtija għal mistoqsija parlamentari numru 2027.

Seduta 25
05/07/2022

**ĦAL FAR: TRAKKA TAL-KAROZZI – IMMIGRANTI LI JINSABU F'ĊENTRI MIFTUĦA**

**2032. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li immigranti li jinsabu fiċ-ċentri miftuħa, ċentri tar-refuġjati u ċentri oħra li jinsabu qrib u madwar is-sit fejn hemm il-ħsieb li tinbena t-trakka tal-karozzi f'Ħal Far, hux se jiġu rilokati u jekk iva, kemm minnhom u fejn?

27/06/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ġentilment nistieden lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba mogħtija għal mistoqsija parlamentari numru 2027.

Seduta 25
05/07/2022

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA - KONSULENTI**

**2040. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 294, 1130 u 1618 u tgħid kemm hemm persuni li ġew impjegati bħala konsulenti mal-Ministeru u/jew Segretarjati sal-14 ta' Mejju, 2022 u kemm dawn jitħallsu?

28/06/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fil-Ministeru hemm 5 Konsulenti u li huma ingaġġati skont ir-regoli stabbiliti fil-Manwal tal-Kabinett.

Seduta 25
05/07/2022

**REGOLAMENTI DWAR IL-ĦINIJIET TAD-DAQQ TAL-MUŻIKA FI ĦWIENET KUMMERĊJALI**

**2045. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1500, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ u li issa ġiet riferuta lilu, u ċjoe: B'referenza għall-Avviż Legali 161 tal-2022, jista' l-Ministru jgħid x'inhuma u jippubblika l-pariri jew rakkomandazzjonijiet li rċieva u abbażi ta' liema, biddel ir-regolamenti dwar il-ħinijiet tad-daqq tal-mużika fi ħwienet kummerċjali? Jista' jgħid ma' min saret konsultazzjoni dwar din il-bidla fir-regolamenti?

28/06/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill Onorevoli Interpellant li filwaqt li nireferi għal PQ 1847, u għas-seduta Parlamentari 24 tal-bieraħ 4ta'Lulju 2022.

Seduta 25
05/07/2022

**BAJJA TAL-ARMIER – KIRI TA' DECKCHAIRS U UMBRELEL**

**2068. L-ONOR. REBEKAH CILIA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1904 u jgħid jekk hemmx beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi biex jinkrew deckchairs u umbrelel fil-Bajja tal-Armier? Jista' l-Ministru jpoġġi kopja tal-beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi fuq il-Mejda tal-Kamra?

28/06/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 25
05/07/2022

**BAJJA TAL-GOLDEN SANDS – KIRI TA' DECKCHAIRS U UMBRELEL**

**2069. L-ONOR. REBEKAH CILIA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1908 u jgħid jekk hemmx beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi biex jinkrew deckchairs u umbrelel fil-bajja tal-Golden Sands? Jista' l-Ministru jpoġġi kopja tal-beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi fuq il-Mejda tal-Kamra?

28/06/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 25
05/07/2022

**BAJJA TAL-GĦADIRA – KIRI TA' DECKCHAIRS U UMBRELEL**

**2070. L-ONOR. REBEKAH CILIA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1906 u jgħid jekk hemmx beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi biex jinkrew deckchairs u umbrelel fil-bajja tal-Għadira? Jista' l-Ministru jpoġġi kopja tal-beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi fuq il-Mejda tal-Kamra?

28/06/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 25
05/07/2022

**AWTORITÀ TAD-DJAR – KIRI TA' APPARTAMENTI/DJAR GĦALL-UŻU RESIDENZJALI**

**2082. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar kemm hu n-numru ta' appartamenti/djar li huma mikrija mill-Awtorità tad-Djar għall-użu residenzjali? Kemm minn dawn il-proprjetajiet huma tal-Gvern u kemm huma tal-privat? F'liema lokalità jinsabu dawn il-postijiet, u jagħti n-numru ta' appartamenti/djar għal kull lokalità?

30/06/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta 25
05/07/2022

**AWTORITÀ TAD-DJAR – TEĦID LURA TA' ĊWIEVET TA' APPARTAMENTI**

**2083. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Billi ġie rrapportat li matul l-aħħar snin kien hemm it-teħid lura ta' kważi 500 ċavetta, jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar kemm kienu tal-privat u kemm kienu tal-Gvern? F'liema lokalitajiet kienu l-appartamenti li fihom saru l-abbużi?

30/06/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta 25
05/07/2022

**SAN PAWL IL-BAĦAR: TRIQ PARADES – VULTAĠĠ BAXX TA' ELETTRIKU**

**2098. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tinvestiga x'inhi r-raġuni li għaliha qed jiġi rrapportat vultaġġ baxx fi Triq Parades, parti minn Triq San Pawl u Triq il-Katidral (fost toroq oħra) f'San Pawl il-Baħar? Wara li ssir din l-investigazzjoni, tista' l-Ministru tieħu l-passi neċessarji biex id-dawl f'dawn l-inħawi jiġi msaħħaħ? Tista' tagħti wkoll tagħrif dwar jekk l-Enemalta tiġborx informazzjoni dwar inħawi fejn il-vultaġġ ikun baxx?

30/06/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-Enemalta qiegħda fil-mument tgħaddi cables ġodda sabiex issaħħaħ l-infrastruttura eżistenti. Hekk kif ix-xogħlijiet ta' tqattigħ ta' trinek u tqegħid tal-cables jitlestew, fil-ġimgħat li ġejjin dawn ser jitqabbdu mal-linji sabiex jindirizzaw dawn il-varjazzjonijiet. L-Enemalta qiegħda tanalizza l-akkwati fejn qiegħed isir żvilupp konsiderevoli biex tittieħed l-azzjoni neċessarja u tkompli ssaħħah is-sistema ta' distribuzzjoni.

Seduta 25
05/07/2022

**KUNSILLI LOKALI – APPLIKAZZJONI GĦAL SKEMI U GĦAJNUNIET DIFFERENTI**

**2099. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar kemm kien hemm skemi ta' għajnuniet differenti li għalihom setgħu japplikaw il-kunsilli lokali mill-1 ta' Jannar, 2021 sad-data meta qiegħda tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Liema kienu dawn l-iskemi, waħda waħda? Għal kull waħda minn dawn l-iskemi, liema kienu dawk il-kunsilli lokali tas-7 u t-12-il distrett elettorali li applikaw? Liema minn dawn l-applikazzjonijiet, f'kull każ, ġew aċċettati?

30/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qiegħed inpoġġi l-informazzjoni fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 25
05/07/2022

**TA' QALI CRAFTS VILLAGE – AREA TA' PARKEĠĠ**

**2100. L-ONOR. REBEKAH CILIA** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 1863, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-qbil li sar bejn il-Gvern u l-operatur privat ta' area ta' parkeġġ viċin Ta' Qali Crafts Village fl-2019 u kopja tal-permess li ġie mġedded?

30/06/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li qed inpoġġi fuq il-mejda tal kamra kopja tas-sejħa publika li ħarġet fis 7 ta' Mejju 2019 kif ukoll id-dokumenti sussegwenti bejn il-Gvern u l-operatur li ngħata dan id-dritt. Ninforma lill-Onerevoli Interpellant li qiegħed nannessi ukoll litra tat-terminazzjioni ta' l-istess allokazzjioni datati 27 ta' May 2022.

Seduta 25
05/07/2022

**KORP TAL-PULIZIJA - MEMBRI**

**2101. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar kemm hu preżentement in-numru ta' pulizija mpjegati fil-Korp tal-Pulizija fid-diversi livelli li jifformaw il-Korp, minn kuntistabbli sa kummissarju? Kemm kien in-numru ta' persuni li rriżenjaw mill-Korp bejn Jannar, 2021 u d-data li qiegħda tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Minn liema livell fil-Korp kienu dawk li rriżenjaw? F'dan l-istess perjodu, kemm kien hemm persuni li ngħaqdu mal-korp u f'liema livell?

30/06/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi n-numru ta' uffiċjali fil-Korp ta' Pulizija (minn Kummissarju sa' Kuntistabbli) sal-aħħar ta' Ġunju 2022 kien ta' 1949. Fil-perjodu indikat irriżenjaw 4 Spetturi, 4 Surġenti u 18-il Kuntistabbli qabel l-età tal-irtirar. In-numru ta' uffiċjali li ngħaqdu mal-Korp f'dan il-perjodu kien ta' 110, 4 minnhom fil-grad ta' Spettur, u 106 Kuntistabbli.
Bħala parti mill-immodernizzar tal-Korp tal-Pulizija, fl-istess perjodu msemmi fil-Korp kien hemm ukoll 159 impjegat ċivili, u 147 Kuntistabbli ta' Riserva. Meta tgħoddhom mal-perjodu fuq imsemmi jammontaw għal 2255 uffiċjal tas-servizz u ċivili fil-Korp tal-Pulizija.

Seduta 25
05/07/2022

**SAN PAWL IL-BAĦAR: TRIQ IL-PORT RUMAN – PERSUNI LI JKOLLHOM IL-KAROZZA PPARKJATA**

**2102. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jieħu l-passi neċessarji biex fi Triq il-Port Ruman, San Pawl il Baħar, quddiem l-Iskola Primarja tal-Qawra, jirrenja l-buon sens u l-persuni li jkollhom il-karozza tagħhom ipparkjata fit-triq jew f'xi garaxx fl-istess triq, jitħallew jitilqu minn fuq il-post mingħajr ma jistennew li jsir il-ħin tat-8.00 a.m. (u wkoll waqt il-ħin tal-ħruġ tat-tfal mill-iskola), dan naturalment mingħajr ma jinħoloq periklu għat-tfal u l-ġenituri li jkunu hemm?

30/06/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-Onor. Interpellant tapprezza illi waqt il-ħin tad-dħul u tal-ħruġ tat-tfal mill-iskola msemmija, il-Pulizija dejjem kienet prattika u assistiet lix-xufiera li kellhom il-karozzi tagħhom ipparkjati fit-triq jew f'garaxxjiet fl-istess triq, biex jitnaqqsilhom il-ħin ta' stennija. Madankollu, il-pulizija hija dejjem kawta u ma tiħux riskji, meta fl-opinjoni tagħha, moviment ta' vetturi f'ċerti ħinijiet u ċirkustanzi, jista' jkun ta' periklu jew detriment ieħor għat-tfal tal-iskola jew għall-persuni li jakkumpanjawhom.

Seduta 25
05/07/2022